# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tad-9 ta´ Novembru 2023**

**Talba nru. 121/2020**

**MARCO MICALLEF (K.I. 309068 (M))**

*VERSUS*

**CAROLINE BORG (K.I. 473563 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-26 ta´ Gunju 2020 (a fol 1 et seq), l-attur talab l-ammont ta´ elf mija u ħdax-il Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1111.88) rappreżentanti danni sofferti mill-attur kaġunati mill-konvenuta meta naqset milli tieħu ħsieb il-pannelli tagħha.

Ra illi fit-18 ta´ Lulju 2020 l-konvenuta ġiet debitament notifikata (a fol. 6).

Ra illi l-konvenuta ppreżentat ir-risposta tagħha fit-28 ta´ Lulju 2020 (a fol. 8).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fl-10 ta´ Marzu 2022, l-attur għalaq il-provi tiegħu (a fol. 148).

Ra illi fil-11 t'Ottubru 2022, il-konvenuta għalqet il-provi tagħha (a fol. 214).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

L-attur u l-konvenuta jaqblu illi huma ġirien u joqogħdu San Giljan. Ma hux anqas punt ta´ kontestazzjoni bejn il-partijiet illi bejn it-23 u l-24 ta´ Frar 2019, taru xi pannelli solari minn fuq il-bejt tal-konvenuta u spiċċaw fuq il-bejt tal-attur u dan għaliex kemm l-attur u l-konvenuta ammettew dan il-fatt (a fol. 16 sa 22 u 182 sa 193 fost oħrajn).

Il-punti ta´ kontestastazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta hu jekk hux il-pannelli solari illi taru minn fuq il-bejt tal-konvenuta bejn it-23 u -24 ta´ Frar 2019 ħolqux il-ħsara lill-attur fuq il-bejt tiegħu u jekk il-konvenuta hix responsabbli għat-tali danni.

Ir-responsabbilta´ o meno tal-konvenuta għall-ħsarat illi l-attur ġarrab (aċċident jew forza maġġuri)

Il-konvenuta, kemm fir-risposta tagħha u anke fl-affidavit tagħha (a fol. 182 sa 193) tgħid illi dawn il-ħsarat huma lil hinn mill-kontroll tagħha *stante* illi tali ħsarat saru minħabba maltempata qawwija u singolari fil-potenza tagħha u għaldaqstant, kien hemm forza maġġuri. B´dan illi allura l-konvenuta temmen illi hi m´għandhix tkun responsabbli għad-danni sofferti mill-attur u dan skond l-artikolu 1029 tal-Kodiċi Civili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta´ Malta.

Tali artikolu jipprovdi illi "*Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara*." Dan it-Tribunal jibda sabiex jiċċara illi m´hemm ebda distinzjoni legali bejn il-kliem aċċident u forza maġġuri, hekk kif jgħid fost oħrajn ***Giorgio Giorgi***.[1] L-Onorabbli Qorti wkoll esprimiet l-istess ħsieb fis-sentenza ***Alfred Zarb et v Mondial Travel Agency***.[2]

It-tieni punt li jrid jiġi diskuss hawnhekk hu xi tfisser aċċident jew forza maġġuri u ċioe´ meta jseħħ aċċident jew forza maġġuri.

L-artikoli tal-Kodiċi Civili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta´ Malta ma jipprovdux għal definizzjoni ta´ aċċident jew forza maġġuri. Biss pero´, l-Onorabbli Qrati tagħna ipprovdew il-prinċipji illi jwasslu sabiex ikun determinat kienx hemm aċċident jew forza maġġuri f´diversi sentenzi. Waħda minn dawn is-sentenzi hi propju ***Ivor Zammit bħala mandatarju speċjali tal-assenti Giovanna Lazzari vs Christoper u Deborah sive Debbie Agius***,[3] fejn l-Onorabbli Qorti spjegat illi "*Skond il-principji taddritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forza tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbili b'mod li ma jistax jigi evitat bil-diligenza ordinarja tal-"bonus pater familias" (ara*

[1] Obbligazioni Vol.II, §8, p. 9
[2] 30 ta´ Jannar 2009 (Qorti tal-Appel) (Ref.: 9/2008)
[3] 15 ta´ Dicembru 2003 (Prim´Awla Qorti Civili) (Ref.: 1079/1999/1)

*sentenza Micallef vs Belle Mc.Cance 7/5/1983 Vol 37 p 2 p 638).”*

Fil-każ in eżami, il-konvenuta tallega illi tali maltempata qawwija illi seħħet bejn it-23 u l-24 ta´ Frar 2019 hi singolari fil-potenza tagħha. Biss pero´ Leanne Rapinett, rappreżentata minn l-Uffiċċju Meteoroloġiku, fix-xhieda tagħha tas-7 t´April 2022, riedet turi mod ieħor billi Leanne Rapinett xehdet a fol. 180 illi għalkemm tali maltempata setgħet kienet iktar xokkanti mis-soltu m´huwiex rari li Malta jsiru l-grigalati u fil-fatt hi qalet illi:
*“Dr. Etienne Calleja: Tajjeb. Ha nistaqsik sinjorina, bhala avveniment meterologiku, dan huwa komuni hawn Malta jew huwa ...?*
*Ix-Xhud: Li jkollna grigalati huwa komuni li jkollna dawk it-tnejn jew wahda fis-sena jigifieri. Pero´ din kienet naqra iktar remarkable, kienet daqsxejn iktar...*
*Dr. Etienne Calleja: ...qawwija.”*

B´dan illi *stante* illi Leanne Rapinett hi rappreżentanta minn l-Uffiċċju Meteoroloġiku, dan it-Tribunal jemmen pjenament tali xhieda.

Dan it-Tribunal jinnota illi anke jekk tali maltempata illi seħħet bejn it-23 u l-24 ta´ Frar 2019 setgħet titqies bħala waħda insolita u sproporzjonata u li kienet prodott mill-forza tan-natura, irid jiġi ppruvat illi tali inevitabbilita´ ma setgħetx tiġi evitata bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*.

Fil-każ in eżami, pero´, il-konvenuta naqset milli tuża d-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias stante* illi kien ippruvat tul din il-kawża illi l-pannelli solari tal-konvenuta ma kinux inwaħħlin kif suppost kellhom ikunu sabiex ma jinqabdux bir-riħ u ma jagħmlux ħsara lil terzi.

Bħala l-ewwel prova li juri n-nuqqas ta´ diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias* hemm ix-xhieda ta´ Samuel Vella, rappreżentant ta´ Mapfre Middlesea, ma´ min il-konvenuta hi inxurjata u fejn tali xhud ippreżenta r-rapport tal-*quotation* ipprovdut minn Eco Solutions illi juri b´mod ċar illi l-pannelli solari l-ġodda kienu ser jitwaħħlu iktar baxxi u liema rapport jgħid a fol. 118 illi “*A new installation of 8 PV panels including supply deliver install (8 Panels of BenQ 330Wp high performance high power panels inorder to reduce the height of installation this is recommended total height from the roof will not pass 1.2 m vertical height*.” Dan, allura, juri illi l-pannelli solari kif kienu oriġinarjament imwaħħlin ma kinux skond dak meħtieġ f´dan il-mistjier.

It-tieni prova hi x-xhieda ta´ Sinan Vural meta xehed fl-10 ta´ Marzu 2022 illi tali struttura tal-pannelli solari tiflaħ sa forza 11 tar-rih b´dan illi qal illi l-pannelli solari jinqalgħu biss jekk ir-riħ ikun iktar minn forza 11. Fil-fatt, hu xehed a fol. 153 illi
*“The Witness: Normally the design system for force 11 wind speeds.*
*The Tribunal: And this was ...?*
*The Witness: Force 13*

*Dr. Etienne Calleja: So the rating for this system was force 11.*
*The Witness: Force 11 yes*."

Biss pero´ Leanne Rapinett, rappreżentanta minn l-Uffiċċju Meteoroloġiku, xehdet nhar is-7 t´April 2022 a fol. 179 u anke mir-rapport ippreżentat minnha u li jinsab a fol. 198 illi "*Grigal intlahaq forza 10, bejn it-23rd ... 24th ta´ February. Jigifieri qed nghidu bejn il-hdax ta´ billejl ghal nofsilejl. Baqa´ sejjer forza 10 sal-24...jigifieri sat-24th sas-saghtejn ta´ filghodu*."

*Stante* illi Leanne Rapinett hi rappreżentanta minn l-Uffiċċju Meteoroloġiku, dan it-Tribunal jemmen pjenament tali xhieda, b´dan illi tali Tribunal hu konvint illi l-forza tar-riħ bejn it-23 u l-24 ta´ Frar 2019 kien ta´ forza 10 u mhux forza 13 kif xehed Sinan Vural.

B´dan illi allura għal darb´oħra, dan it-Tribunal hu konvint illi l-konvenuta naqset milli tuża d-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias* sabiex tkun fiż-żgur illi tali installazjoni tal-pannelli solari tiflaħ sa mill-inqas forza 10 tar-riħ.

Inoltre´ l-attur ukoll għandu mwaħħlin il-pannelli solari fuq il-bejt fl-istess direzzjoni tal-konvenuta pero´ dawn il-pannelli solari tal-attur ma ġralhom xejn, fejn xehed dwar dan il-fatt l-attur fil-11 t´Ottubru 2022 fejn a fol. 225, u hu xehed illi
"*Dr. Etienne Calleja: Il-pannelli tieghek li ghadek kif semmejt, kif inhuma mwahhlin? Meta nghid...(hallini naghmillek id-domanda). Meta nghid ´kif inhuman mwahhlin´ jigifieri, ha naghtik ezempju, jekk il-pannelli tas-sinjura qeghdin inwahhdlim f´din id-direzzjoni, inti tieghek f´liema direzzjoni qeghdin imwahhlin?*
*Ix-Xhud: L-istess direzzjoni tas-sinjura, hlief li tieghi qeghdin skont il-ligi u kif tghif il-ligi; jigifieri mhux gholi kif kienu tas-sinjura*."

Tali xhieda turi għal darb´oħra illi l-konvenuta naqset milli tuża d-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias* sabiex tkun fiż-żgur illi tali installazjoni tal-pannelli solari tiflaħ sa mill-inqas forza 10 tar-riħ.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal hu pjenament konvint illi l-konvenuta ma tista´ qatt tallega li kien hemm aċċident jew forza maġġuri f´dan il-każ in eżami. Jekk il-konvenuta kienet konvinta illi hi użat diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias* meta saret l-istruttura tal-pannelli solari imma kienu terzi li m´applikawx tali diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias* meta twaħħlet l-istruttura tal-pannelli solari, hi setgħet indikat dan fir-risposta tagħha, u dan anke kif il-Liġi li tirregola dan it-Tribunal tagħti tali fakolta´.

<u>Ir-responsabbilta´ o meno tal-konvenuta għall-ħsarat illi l-attur ġarrab (danni)</u>

Ġjaldarba dan it-Tribunal hu konvint illi l-konvenuta ma tistax tallega li kien hemm aċċident jew forza maġġuri, dan it-Tribunal issa jrid jiddetermina il-limiti tar-responsabbilta´ tal-konvenuta għall-ħsarat illi l-attur bata bejn it-23 u l-24 ta´ Frar 2019.

L-attur sostna fl-affidavit tiegħu a fol. 15 sa 34 u kif ukoll elenkati mill-Perit George Pullicino fix-xhieda tiegħu a fol. 46 sa 51 illi l-ħsarat illi hu ġarrab kienu jikkonsistu f'ħames affarijiet illi huma qlugħ ta' tegole taċ-ċaqquf, ħsara fil-membrane tas-saqaf tal-bejt, żewġ tankijiet tal-ilma, ħġieġ tal-kamra tal-bejt mibrux u daqqa konsiderevoli fuq il-*party wall* tal-ġarr tal-attur fuq in-naħa tax-xellug b'dan illi pero' l-attur kien qed jitlob il-ħlas tal-ispejjeż fir-rigward tal-ewwel erbgħa punti hawnhekk elenkati, hekk kif hemm indikat a fol. 23 tal-proċess.

Għalkemm kull min xehed, inkluż il-Perit tal-attur, ħlief persuna waħda, ma setgħux ikunu konvinti illi tali ħsarat kienu kkaġunati mill-pannelli solari tal-konvenuta peress illi ħadd min-nies li xehdu ma raw il-pannelli solari tal-konvenuta fuq il-bejt meta marru jaraw il-ħsarat illi ġarrab l-attur, ir-ritratti pprovduti mill-attur u li jinsabu a fol. 15 sa 19, juru illi tali ħsarat setgħu faċilment saru mill-pannelli solari tal-konvenuta u dan minħabba l-istruttura tal-pannelli solari tal-konvenuta kif tidher mir-ritratti u anke ta' kif waqgħu l-istess pannelli solari fuq il-bejt tal-attur. Ukoll, il-konvenuta kienet marret għand il-kumpanija tal-assigurazzjoni tagħha, Mapfre Middlesea, sabiex titlob illi tkun rimborsata tal-ħsarat illi hi ġarrbet fejn it-23 u l-24 ta' Frar 2019, hekk kif ħareġ mix-xhieda ta' Samuel Vella, rappreżentant ta' Mapfre Middlesea, a fol. 107 sa 142, b'dan illi allura la ġarrbet ħsara sostanzjali l-konveuta anke l-attur seta' ġarrab ħsarat fl-istess lejl. Inoltre', jidher mill-komunikazzjoni skambjata bejn l-attur u l-konvenuta illi l-konvenuta kienet aċċettat li l-ħsara li ġarrab l-attur kienet minħabba l-pannelli solari tagħha b'dan illi anke infurmat lill-attur li hi kienet konxja li tali ħsarat saru minħabba l-pannelli solari tagħha wara laqgħa bejn l-attur u l-konvenuta fil-preżenza tal-periti tagħhom u dan hekk kif jidher a fol. 17 sa 20 u a fol. 83 sa 86 tal-proċess. Fil-fatt, anke meta xehed Samuel Vella, rappreżentant ta' Mapfre Middlesea, jidher illi l-konvenuta ppruvat titkellem mal-polza tal-assigurazzjoni tagħha dwar id-danni sofferti mill-attur pero' tali kumpanija tal-assigurazzjoni sostniet illi tali maltempata kienet meqjusa forza maġġuri u ma kinux lesti illi jħallsu wkoll id-danni sofferti mil-attur oltre' d-danni sofferti mill-konvenuta. Dan allura juri għal darb'oħra illi l-konvenuta ammettiet illi l-ħsara illi l-attur ġarrab kienet minħabba l-pannelli solari tagħha illi taru fuq il-bejt tal-attur.

L-uniku punt ta' kontestazzjoni jidher illi kien wieħed mit-tankijiet tal-ilma fejn il-konvenuta m'ammettitx il-ħtija tal-ħsara illi ġarrab tali tank u liema ritratti tat-tank jinsabu a fol. 19 tal-proċess, fost oħrajn.

Dan it-Tribunal issa ser jgħaddi sabiex iħares lejn il-ħsarat li ġarrab l-attur individwalment.

L-ewwel ħsara kienet tirrigwarda l-qlugħ ta' tegole taċ-ċaqquf, u f'dan ir-rigward xehed fl-14 t'Ottubru 2021 a fol. 68 sa 70 Dennis Deguara illi jaħdem bħala Assistant Warehouse Manager mal-Bathroom Design, fejn ikkonferma illi l-attur kien xtara t-tegole mingħandhom, u fejn ukoll ippreżenta rċevuta tal-bejgħ tat-tegole a fol. 80 illi tammonta għal wieħed u għoxrin Ewro (Eur 21). Dwar it-tqegħid tat-tegole xehed Charles Giller Junior fl-14 t'Ottubru 2021 fejn esebixxa rċevuta tal-ħlas tax-xogħol illi għamlu hu lill-attur a fol. 64

fl-ammont ta´ mija u tmintax-il Ewro (Eur 118).

Fir-rigward tat-tieni ħsara u ċioe´ ħsara fil-membrane tas-saqaf tal-bejt xehed Jesmond Psaila u fejn xehed a fol. 62 fl-14 ta´ Ġunju 2021, fejn qal illi
"*Dr. Etienne Calleja: Mela Sur Psaila, ara tispjegax naqra wahda lit-Tribunal, ghax inti fix-xhieda tieghek ghedt illi l-membrane kellu l-hsara minhabba li waqgu xi affarijiet fuqu.*
*Xhud: Iva*
*Dr. Etienne Calleja: Inti fejn taf illi hekk kien il-kaz?*
*Xhud: Anke l-pannelli kienu...*
*Dr. Etiennet Calleja: Le le le. Inti fejn taf li hekk kien il-kaz?*
*Xhud: Ghax jien mhux lilu biss sewwejt. U l-istess slieh. L-istess daqqiet.*"

Tali xhud ukoll ippreżenta rċevuta tal-ħlas tax-xogħol illi għamlu hu lill-attur a fol. 64 fl-ammont ta´ mija u tmintax-il Ewro (Eur 118).

Għar-rigward tat-tielet ħsara u ċioe´ ż-żewġ tankijiet tal-ilma, xehed biss Joe Falzon tul il-proċess. Iżda, dwar il-hi up service, l-attur ippreżenta l-irċevuta mogħtija lilu għax-xoghol illi għamel Clayton Cowles u li tinsab a fol. 27 u fejn id-data fuq l-istess irċevuta tikkompaċi mad-data tal-maltempata u meta saru l-ħsarat. L-ammont ta´ tali rċevuta hu ta´ disgħa u ħamsin Ewro (Eur 59). Dwar ix-xiri tat-tankijiet tal-ilma, l-attur ippreżenta l-irċevuta mogħtija lilu minn Framegrip li tinsab a fol. 31. L-ammont ta´ tali rċevuta hu ta´ mitejn u tmienja u tmenin Ewro (Eur 288). Dwar il-qlugħ taż-żewġ tankijiet tal-ilma, l-installazjoni tagħhom u xi spejjeż relatati oħra, l-attur ippreżenta l-irċevuta mogħtija lilu minn Joe Falzon li tinsab a fol. 30 u xehed ukoll Joe Falzon fil-25 ta´ Frar 2021 u li tinsab a fol. 42 sa 45. L-ammont ta´ tali rċevuta hu ta´ tliet mija u tnejn u sebgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 372.88). Id-dati ta´ dawn l-aħħar żewġ irċevtui huma iktar ´il bogħod mid-data tal-maltempata li seħħet fi Frar 2019.

Għar-rigward tar-raba´ ħsara u ċioe´ tal-ħġieġ tal-kamra tal-bejt, ġie ppreżentat l-affidavit ta´ Mario Fenech fejn esebixxa wkoll l-irċevuta mogħtija lill-attur għax-xoghol illi għamel hu. L-ammont ta´ tali rċevuta hu ta´ mija u ħamsa u tletin Ewro (Eur 135).

Il-konvenuta qalet illi hi kienet lesta illi ssewwi tali ħsarat u dan *stante* illi tqabbad in-nies hi. F´dan ir-rigward xehed Milan Milanic fl-10 ta´ Marzu 2022 u liema xhieda tinsab a fol. 155 sa 157. L-istess Milan ippreżenta *quotation* li tinsab a fol. 172 tal-proċess. Dan ix-xhud ma tax *quotation* fuq it-tegole u l-ammonti li kkwota hu huma simili għal dawk kwotati mill-attur ħlief sabiex jitneħħa t-tank tal-ilma l-antik u jitwaħħal wieħed ġdid u x-xogħol fuq il-membrane. Biss pero´, il-konvenuta ipprovdit imejl illi turi illi ammettiet il-ħsara tat-tegole u r-rimbors, liema imejl tinsab a fol. 191.

Il-punt ta´ kontestazzjoni hu għaliex l-attur għamel ix-xogħol hu meta l-konvenuta kienet qalet li se tagħmel ix-xogħol hi. L-attur bagħat imejl lill-konvenuta sabiex isir ix-xogħol pero´

l-konvenuta ma rrispondit qatt lura u dan hekk kif jidher ukoll mix-xhieda tagħha a fol. 220 meta xehdet fil-11 t´Ottubru 2022 meta qalet illi *"ma jidhirlix li rrispondejtu, li ghedtlu iva mexxi. Zgur ma ghedtlux. Dik il-kelma zgur naf li ma ghedtlux."* B´dan illi allura l-attur bilfors kellu jmexxi min-naħa tiegħu, speċjalment minħabba t-tankijiet tal-ilma.

L-unika spiża illi dan it-Tribunal mhux konvint minnha hi x-xiri ta´ wieħed miż-żewġ tankijiet tal-ilma *stante* illi ma ġiex ippruvat il-qsim li kellu tali tank imma sempliċiment l-għatu tat-tank illi kien ftit iċċipjat, u dan hekk skond ir-ritratt ippreżentat a fol. 19, b´dan illi tali għatu seta´ *se mai* jerġa´ jinxtara, imma ma kien hemm ebda bżonn ta´ xiri ta´ tank tal-ilma sħiħ. Tank wieħed jiswa´ mija u tnejn u disgħin Ewro (Eur 129) skond l-irċevuta tal-Framegrip a fol. 31.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal hu tal-fehma illi l-konvenuta hi responsabbli għad-danni sofferti mill-attur u dan ukoll skond diversi sentenzi fosthom ***Reginald Micallef nomine vs Godwin Abela nomine***[4] u *Marianno Sare' vs Antoine Ellul*[5] , fejn inghad li: *"Id-debitur jibqa' dejjem responsabbli ghall-adempiment tal-obbligazzjonijiet minnu assunti sakemm ma jipprovax li l-inadempjenza kienet dovuta ghall-kawza estranea, forza magguri jew kaz fortuwitu; b'mod li huwa jibqa' dejjem tenut jekk lobbligazzjoni ma gietx adempita bi htija tieghu jew ta' terzi persuni imqabdin minnu"*.

Wara li dan it-Tribunal ikkonsidra l-fatti kollha hawn fuq spjegati, dan it-Tribunal jemmen illi l-konvenuta hi dovuta lill-attur l-ammont ta´ disa´ mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 982.88).

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tal-attur għall-ammont ta´ disa´ mija u tnejn u tmenin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 982.88) bl-imgħax li jibda jiddekorri mid-data ta´ din is-sentenza.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenuta.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur

---

[4] 16 ta´ Marzu 1992, Appell Kummerċjali, LXXV.ii.430

[5] 12 ta´ Gunju 1953, Appell Ċivili, XXXVII.i.197